**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 182722** **14.12.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Ftuħ ta' wirja artistika b'riżq id-Dar tal-Providenza fil-Parlament ta' Malta***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia inawgura wirja artistika b'riżq id-Dar tal-Providenza li qed tittellgħa fil-Parlament ta' Malta. L-Ispeaker Farrugia faħħar lill-fundatur tad-Dar tal-Providenza, il-Monsinjur Dun Mikiel Azzopardi, li ddedika l-ħidma pastorali tiegħu għall-kura tal-morda. Dun Mikiel Azzopardi kien jgħallem u jfarraġ lill-morda u lil qrabathom, filwaqt li kien għaraf li fi żmienu l-persuni b'diżabilità kienu jitħallew lura saħansitra maqfulin biex ma jiltaqgħu ma' ħadd. Konsegwentament beda kampanja biex il-Maltin u l-Għawdxin jifhmu l-bżonn li jgħinu lil dawk li waqgħu lura fis-soċjetà u kien jisħaq li l-persuni b'diżabilità għandhom jiksbu r-rispett li jixraqilhom u li jkunu megħjuna ħalli jgħixu ħajja dinjituża.

L-Ispeaker qal li l-istorja tad-Dar tal-Providenza hi ħajja u għalkemm hi ġrajja ta' 53 sena, hi wkoll esperjenza tagħna bħala nazzjon. "Din hi esperjenza attwali għax żammejna din il-ġrajja ħajja. Dan għaliex il-poplu Malti u Għawdxi għandu qalb sensittiva għall-bżonnijiet ta' dawk li jeħtieġu l-għajnuna. Din il-kuxjenza favur is-solidarjetà soċjali tikber u tissaħħaħ dment li lkoll inżommu d-Dar tal-Providenza bħala esperjenza ta' ħajjitna li permezz tagħha ngħinu lill-persuni b'diżabilità jgħixu b'dinjità", żied l-Ispeaker.

Il-wirja artistika b'riżq id-Dar tal-Providenza se ddum miftuħa sal-20 ta' Diċembru 2018. Il-pubbliku jista' jżur din il-wirja matul il-ġimgħa bejn id-disgħa ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija. Nhar il-Ħamis, 20 ta' Diċembru 2018, l-opri tal-arti se jinbiegħu permezz ta' rkant fid-daħla tal-Parlament ta' Malta.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**